GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR251734 | 06.10.2025 | 5

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Indirizz lill-Kamra tad-Deputati mis-Sur Theodoros Rousopoulos, President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa***

F'seduta parlamentari speċjali, is-Sur Theodoros Rousopoulos, President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, indirizza lill-Kamra tad-Deputati tal-Parlament ta' Malta. Dan l-indirizz huwa l-aħħar minn numru ta' attivitajiet organizzati mill-Parlament fil-qafas tal-Presidenza Maltija tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Wara diskors tal-ftuħ mill-Ispeaker Anġlu Farrugia, is-Sur Rousopoulos indirizza lill-Membri u lid-dinjitarji preżenti għal din is-seduta. Il-Prim Ministru Robert Abela u l-Kap tal-Oppożizzjoni Alex Borg indirizzaw ukoll din is-seduta speċjali.

Matul iż-żjara tiegħu fil-Parlament ta' Malta l-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa kellu wkoll laqgħa bilaterali mal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, kif ukoll mad-delegazzjoni Maltija għall-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, immexxija mill-MP Naomi Cachia.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt